L-isparatura fuq dar fis-Siġġiewi

Miżmumin żewġ persuni

Minn BRANDON PISANI

● Żewġ persuni mis-Siġġiewi sal-bieraħ kienu qegħdin jinżammu mill-Pulizija għall-aktar stħarriġ b'konnessjoni mal-isparatura li seħħet fuq faċċata ta' residenza privata li tinsab fi Triq Lapsi, fis-Siġġiewi stess.

Nhar l-Erbgħa **l-orizzont** irrapporta b'mod esklussiv dan il-każ li seħħ għal ħabta tan-12.30 a.m. sbieħ it-Tlieta. Xi ħadd mhux magħruf spara tliet tiri ta' senter tal-kaċċa lejn din id-dar li dak il-ħin reqdin fiha kien hemm anzjana ta' 76 sena u bintha ta' 44 sena.

F'dik il-lejla stess il-Pulizija arrestat raġel ta' 57 sena mis-Siġġiewi, iżda dan ġie rrilaxxat madwar tliet sigħat wara, ħekk kif ma nstabet ebda evidenza li seta' kien involut.

Iżda minn aktar stħarriġ li għamel **l-orizzont** jirriżulta li fis-sigħat ta' wara, il-Pulizija żammew għal aktar investigazzjonijiet żewġt irġiel oħrajn, mis-Siġġiewi wkoll.

Għalkemm mhux magħruf jekk dawn għadhomx miżmumin, huwa mifhum li l-Pulizija bagħtet għal dawn iż-żewġt irġiel hekk kif instab li tul l-aħħar xhur, iż-żewġ nisa kienu rrapportawhom lill-Pulizija dwar argumenti li kellhom magħhom dwar raba.

Intant, il-Pulizija għadha għaddejja bit-tfittxija għall-arma li ntużat f'din l-isparatura. Minn aktar stħarriġ li għamel **l-orizzont** jirriżulta li l-Pulizija qiegħda tinvestiga numru ta' snieter tal-kaċċa li jistgħu jwasslu biex tinstab dik li allegatament intużat.

It-tliet tiri li ġew sparati lejn id-dar saru minn distanza ta' madwar 50 metru bogħod.

Konsegwenza ta' hekk, iċ-ċomb infetaħ u l-ħġieġ kollu tat-tliet bibien tal-aluminium li hemm fil-faċċata tad-dar inkiser kollu.

L-investigazzjonijiet tal-Pulizija qegħdin jitmexxew mill-Ispetturi Silvio Valletta u Michael Mallia mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, mgħejjunin mill-Ispettur Anthony Cachia mill-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-Maġistrat Joseph Apap Bologna qiegħed imexxi inkjesta maġisterjali.

bpisani@unionprint.com.m

Illum se ssir l-ewwel laqgħa tal-MEUSAC

● Illum f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi se ssir l-ewwel laqgħa tal-'core group' tal-MEUSAC (Malta-EU Steering Action Committee) li reġa' twaqqaf f'Mejju li għadda, wara li fi żmien ta' qabel is-sħubija ta' Malta fl-UE, kien serva bħala strument ta' konsultazzjoni bejn il-Gvern, il-partiti politiċi, l-imseħbin soċjali u s-soċjetà ċivili.

Il-MEUSAC se jkun qiegħed jikkordina l-proċess ta' konsultazzjoni u d-dibattitu kollu dwar l-UE u se jkun immexxi mis-Segretarju Parlamentari għad-Djaloġu Pubbliku u Informazzjoni, Chris Said.

L-għanijiet tal-MEUSAC huma diversi u se jiddiskuti l-impatt li proposti tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jħallu fuq Malta, se jmexxi djalogu bejn il-partijiet konċernati fit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell Ewropew u anke se jara li jkun pro-attiv b'konnessjoni mal-leġislazzjoni u l-politika tal-UE.

Se jara wkoll li b'mod mill-iżjed attiv jgħin għaqdiet Non-Governattivi biex jagħmlu l-aħjar użu possibbli minn programmi ta' għajnuna u fondi tal-UE, jara li jipprovdi informazzjoni ċara u sempliċi liċ-ċittadini Maltin dwar is-sehem ta' Malta fi ħdan l-Unjoni Ewropea, kif ukoll dwar id-drittijiet tal-istess ċittadini fl-ambitu Ewropew u li jistimola u jmexxi dibattitu nazzjonali dwar l-ideali, il-valuri u l-għanijiet Ewropej u jara li tiġi implimentata strateġija li tħarishom.

Filwaqt li ċ-Ċerpersin tal-MEUSAC huwa s-Segretarju Parlamentari Chris Said, il-kap ta' dan il-kumitat huwa Vanni Xuereb. Il-membri tal-MEUSAC huma Godwin Grima (Segretarju Permenanti Prinċipali), Richard Cachia Caruana (Rappreżentant Permanenti fl-UE), Graziella Pullicino (Aġent Kap tas-Segretarju tal-UE), Peter Portelli (Segretarju Permanenti f'Kastilja), Cecilia Attard Pirotta (Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin), Sonny Portelli (Ċermen MCESD), Gabriella Pace (Kap tal-Informazzjoni MUSAC), Carmel Cacopardo (Alternattiba Demokratika), Josie Muscat (Azzjoni Nazzjonali), Arthur Rossi (CMTU), Vince Farrugia (GRTU), Tony Zarb (GWU), Joe Grech (Gozo Business Chamber), Kevin J Borg (Kamra tal-Kummerċ), Pierre Fava (MEA), Ray Muscat (FOI), Alexander Bonello (MHRA), George Abela (MLP), Paul Borg Olivier (PN) u Jesmond Bonello (UĦM).

Minbarra dawn, se jiġu eletti tliet membri li jirrappreżentaw l-Għaqdiet Non-Governattivi u għad iridu jiġu nnominati żewġ membri oħrajn mis-Segretarju Parlamentari Chris Said fuq il-bażi tal-esperjenza tagħhom f'dan il-qasam.

Matul il-laqgħa tal-lum se jiġu diskussi l-ewwel pjani ta' ħidma, fuq quddiemnett l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Għaqdiet Non-Governattivi, il-programm ta' laqgħat, il-metodu ta' ħidma, il-komunikazzjoni mal-pubbliku u l-involviment ta' esperti.

Taqsima Manifattura u Intrapriżi Medji u Żgħar

Il-ħaddiema membri tat-Taqsima Manifattura u Intrapriżi Medji u Żgħar huma b'dan avżati li sakemm issir il-Konferenza Straordinarja tat-Taqsima tagħhom biex jinħatar Segretarju ġdid, meta jkollhom bżonn is-servizz tat-Taqsima, għandhom jagħmlu kuntatt mal-President tat-Taqsima s-Sur Joseph Sammut fuq in-numru tal-mobajl 99445301.

Geitu Mercieca,
Deputat Segretarju Ġenerali
(Taqsimiet u Amministrazzjoni)

FLOAT GLASS LTD.

JINĦTIEĠU
• Glass Cutters • Delivery person
• Machine operators
bl-esperjenza preferuti.
Pagi u kundizzjonijiet tajbin
Ċemplu 21494314 99497949

Abela u Abela - Nutara
(ta' 4, Triq il-Mużew, Rabat, Malta)
Bħalha likwidaturi tal-Eredita tar-Rev Mons.Giusepp Vella

Jirċievu offerti magħluqa għall-bejgħ/xiri tad-dar bil-ġardina magħha fi "Mater Dei" Sir Harry Luke Street k/m Saint Paul Street, Mġarr, Malta sas-Sibt 6 ta' Settembru 2008 f'nofsinhar

Id-Dokument tal-offerti bil-kundizzjoniet relattivi jistgħu jinġabru mill-uffiċċju ta' Abela & Abela fuq imsemmi - it-tnejn (25), l-erbgħa (7) u il-ġimgħa (29) jew is-Sibt (30) t'Awissu 208 bejn 9 u 12am

Jew minn fuq il-post fil-ġranet li l-proprjeta tkun miftuħa għall-ispezzjoni u cioe it-tnejn (25) l-erbgħa (27) il-ġimgħa (29) Awissu bejn l-4.00 u 7.00pm u s-Sibt 30 ta' Awissu 2008 bejn id-9.00am u 12.00am

L-eredita tirriserva d-dritt li tirrijuta anke l-għola offerta li tista tirċevi